**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carlos Cordina]**

**vs**

**Charlton Grech**

**Kumpilazzjoni Numru: 835/15**

**Illum, 15 ta' Frar, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Charlton Grech detentur tal-karta tal-identita` numru 505086(M).

Akkuzat talli:

> Fix-xahar ta' Frar 2015, gewwa Haz Zabbar fl-istess data, lok, hin mhux maghruf u cirkostanzi, laqa' ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwista b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom (apparat elettroniku cioe` Samsung Galaxy) u li sar ghad-detriment ta' Leslie Scicluna detentur tal-karta ta' identita` numru 0465676M u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuza kif dedotta kontrih wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imuptat Charlton Grech hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u stante li l-fedina penali hija netta bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**